

## Tmenin Sena Ilu

# Il-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ V

Fis-sena 1935 kien imfakkar il-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ V, u bħal f'okkażjonijiet nazzjonali simili, il-baned kollha ta' Malta u Għawdex kienu mistiedna biex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet. It-Tnejn 6 ta' Mejju 1935, il-Banda Sant'Andrija ħadet sehem fl-isfilata tal-baned li saret fil-Belt Valletta.

Biex tfakkar dik l-istess okkażjoni l-Banda Sant'Andrija nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 1935 tellgħet programm mużikali l-Pjazza Sant'Andrija taħt id-direzzjoni ta'



Mro A. Muscat Azzopardi. Il-programm kien dan li ġej:

God Save the King
(Kantat minn 70 tifla)

| | | |
|---|---|---|
| March | St. Andrea | Muscat Azzopardi |
| Overture | Masaniello | Auber |
| Selection | Andrea Chenier | Giordano |
| Entacte | Amico Fritz | Mascagni |
| Sinfonia | Feste a Roma | De Sanctis |

God Save the King

Ċertament, din kienet okkażjoni speċjali bil-parteċipazzjoni ta' 70 tifla li kantaw l-Innu tar-Re.

F'din l-okkażjoni importatni ferm għal Malta, insibu s-sehem tat-tfal tal-Iskola ta' Ħal Luqa, li flimkien ma' tfal oħra f'attività sportiva nazzjonali li saret nhar is-7 ta' Mejju 1935. Skont dokument li hemm fl-arkivju Nazzjonali, minn Ħal luqa kienu ħadu sehem 399 tfal, 121 subien u 125 bniet flimkien ma' 135 tfal żgħar. F'din il-lista nsibu wkoll li skont il-Kappillan tar-raħal, 100 minn dawn ma kienux jattendu l-iskola.




Fis-sena 1935, l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kienet impennjata sewwa mhux biss fl-attivitajiet nazzjonali imma wkoll fil-festa u barra mir-raħal

Okkażjoni oħra kienet fit-8 ta' Ġunju 1935 meta l-Banda Sant'Andrija ħadet sehem f'demostrazzjoni li saret mill-miġja tal-Legat tal-Papa, il-Kardinal Alessio Lepicier O.S.M. li ntbagħat Malta mill-Q.T. il-Papa Piju XI għall-Konċilju Reġjonali Malti, li kellu jirregola b'mod dixxiplinarju ċerti ħwejjeġ tal-Knisja f'Malta. Il-Banda Sant'Andrija laqgħet lil dan il-prinċep tal-Knisja bl-Innu Pontifiku ħdejn il-Bieb tal-Bombi fi triqtu lejn il-Belt. Il-Konċilju nfetaħ nhar il-Ħadd 9 ta' Ġunju 1935 u ntemm nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju tal-istess sena.

F'lejlet il-festa ta' Sant'Andrija tas-sena 1935, il-Banda Sant'Andrija esegwiet programm mużikali kbir u fost is-siltiet li daqqet insibu *'Il-Carnevale di Venezia'* u s-solista fuq il-kurunetta kien Carmelo Fenech. Dan il-bandist ċelebri li tgħallem il-kurunetta mal-Banda Sant'Andrija mingħand missieru, kien meqjus fost l-aqwa kurunettisti Maltin ta' dak iż-żmien u kien magħżul sabiex idoqq solijiet meta siefer ma' banda Maltija għal programm fl-Italja. 116

Dakinhar, il-Banda daqqet ukoll żewġ kompożizzjonijiet taż-żagħżugħ kompożitur, kif sejħitlu, *Il-Berqa* Mro A. Muscat Azzopardi, marcia trionfali *Calypso* u impressjoni sinfonika – *Marija.* 117

Dik is-sena, bħal fis-snin ta' qabel kienet mistiedna l-Banda *Queen's Own* tal-Isla. Mill-ktieb tas-segretarju naraw li l-Banda Sant'Andrija żgur li daqqet ukoll fil-Ġimgħa l-Kbira u l-Isla, filwaqt li fit-13 t'Awwissu 1935 daqqet waqt fiera li kienet organizzata f'Tas-Sliema.

Ref: The Calm before the Storm